To sign please

# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

## ID-DISA' LEĠISLATURA

### LAQGĦA NUMRU 23

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2026, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsilier

Marion Parnis – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

Anthea Sacco – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**23.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

23.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi-Sindku, Anthea Sacco. Is-Sa Sacco ġiet skużata.

**23.02** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru tnejn u għoxrin (22)**

23.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 22, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Nina Skye Briffa, issekondati minn Karmenu Farrugia.

Il-minuti tal-laqgħa 22 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**23.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.03.01 Is-Sindku qal li kien ipparteċipa f'laqgħa online li kien jisimha 'Bridges of Trust' dwar skema tal-EU fejn tfal mill-Ukrajna jiġu Malta biex jitgħallmu dwar il-Kultura u l-Patrimonju. L-ispejjeż kollha kienu ser jiġu mħallsa mill-fondi tal-EU. Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem f'din l-iskema.

23.03.02 Is-Sindku semma' x-xogħol ta' manutenzjoni li kellu bżonn li jsir qabel terġa' tinfetaħ il-librerija peress li kien daħal l-ilma tax-xita u kien hemm ħafna moffa. Hu qal li dan ix-xogħol tlesta u li fil-jiem li ġejjien kienet ser terġa tinfetaħ. Semma' wkoll li kien hemm bżonn li jiżdiedu l-ixkafef.

Wara li Karmenu Farrugia staqsa dwar kotba ġodda għal-librerija, is-Sindku wieġeb li konna ser nipparteċipaw fl-iskema li kienu qed joffru tar-Reġjun fl-okkażżjoni ta' Jum il-Ktieb fejn stajna nixtru kotba ġodda.

Nina Skye Briffa staqsiet jekk jistgħux jingħataw donazzjonijiet ta' kotba użati biex jintużaw fil-librerija. Is-Sindku qal li għalkemm hu jaqbel, is-Sezzjoni tal-Libreriji ma jieħdux pjaċir. Hu qal li nistgħu nagħmlu stands biex min ikun irid, ikun jista' jieħu minnhom.

23.03.03 Is-Sindku qal li kien hemm kumpanija li kienet talbitu permess biex isir filming f'Wied iż-Żurrieq. Hu qal li kien ftiehem magħhom li jekk dan il-filming jirnexxi kellhom jagħtu donazzjoni għal-librerija. Karmenu Farrugia qal li jkun tajjeb li jsir renovazzjoni tal-librerija u Nina Skye Briffa issuġġeriet li għandu jkun hemm żona apposta fejn studenti jkunu jistgħu joqgħodu jistudjaw għal kwiet.

23.03.04 Is-Sindku semma' l-4 CCTV cameras, fosthom waħda solar fi Ġnien Nikol Aquilina, li ġew installati madwar il-Qrendi permezz ta' skema ta' fondi. Hu qal li l-operatur tagħhom issuġġerixa li, minħabba li dawn il-cameras jużaw ħafna memorja, għandu jinxtara laptop li jkun jista' jintuża għall-moniteraġġ ta' dawn il-cameras. Marion Parnis qalet li għandhom jitwaħħlu tabelli li jindikaw li hemm CCTVs.

Rigward il-Ġnien Nikol Aquilina, Karmenu Farrugia ssuġġerixxa li jitwaħħlu fanali għax huwa mdallam ħafna. Is-Sindku qal li dawn iridu jkunu solar peress li m'hemmx dawl. Karmenu Farrugia qal li għandna nġibu l-kwotazzjonijiet biex isiru.

Il-Kunsill qabel li jinxtara laptop.

23.03.05 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill tagħna kien ser ikun parti minn inizjattiva li ser ikun qed iħallas għaliha r-reġjun bl-isem 'Reality Malta' fejn wieħed ikun jista' jara ritratti li ser jinġibdu, b'mod virtwali.

23.03.06 Rigward il-Festival tal-Patata, s-Sindku ikkonferma li dan kien ser isir fis-7 ta' Ġunju fejn ser ikun hemm ukoll ta' 'Bonġu Malta'. Hu qal ukoll li wara t-talba ta' Anthea Sacco, l-MTA kien ser jagħtuna Eur5,000 bħala għajnuna għal dan il-festival.

Karmenu Farrugia nforma lill-Kunsill li kienu ser jiltaqgħu mal-organizattur li kien ħa ħsieb dan il-festival s-sena l-oħra, is-Sur Alex Zammit.

Is-Sindku fakkar ukoll fid-delegazzjoni ta' Klenjec li ser tkun hawn f'dak il-perjodu.

23.03.07 Is-Sindku semma' l-inizjattiva tal-Ministeru li ssir statwa 'life size' ta' Ġuże' Cassar fejn hemm is-siġra ta' fejn il-Klabb tal-Boċċi. Is-Sindku spjega li jekk il-Kunsill japprova li dan isir, il-Kunsill kien ser jiġi rimborżat lura għall-ispejjeż kollha mill-Ministeru. Il-Kunsill qabel li dan isir.

23.03.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċivejna ċitazzjoni mingħand l-OHSA dwar każ li jmur lura 5 snin fejn il-Kunsill kien ġie mħarrek fuq nuqqasijiet tal-Project Manager f'Nicolo' Communet. Hu qal li dak iż-żmien kienu marru jkellmuhom u li kien mingħalihom li s-sitwazzjoni kienet ittranġat. Hu qal ukoll li konna morna l-uffiċċju tal-OHSA, flimkien mal-Perit u l-avukat, biex nappellaw din iċ-ċitazzjoni kif ukoll li din ħarġet fuq is-Sindku u fuq is-Segretarju Eżekuttiv preżenti, li dak iż-żmien ma kienetx taħdem fil-Kunsill.

Is-Sindku żied jgħid li l-OHSA kienu qalulna li din iċ-ċitazzjoni, li ġiet ridotta għal Eur1600, kellha titħallas mill-Kunsill, bħala l-klijent, u li jekk ma titħallasx, kien ikollna nidħlu l-Qorti.

23.03.09 Is-Sindku semma' l-iskema tal-karozzi elettriċi. Hu qal li ma kienx favur li napplikaw għaliha għax din kienet ser toħloq ħafna problemi u li diġa' kellna s-servizz tas-Silver T. Hu qal li għall-ewwel sentejn il-Kunsill ma kien ser iħallas xejn imma li konna responsabbli għax-xufier. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru iktar informazzjoni fuq din l-iskema u li terġa' tiġi diskussa.

23.03.10 Is-Sindku qal li rċivejna talba għall-permess biex issir attivita' ta' tombla f'Wied iż-Żurrieq. Is-Sindku qal li ma kienx jaqbel li dan jingħata għax ikollna naċċettaw lil kulħadd. Il-Kunsill qabel li dan ma jingħatax u li jingħataw biss permessi lill-għaqdiet u deputati tar-raħal.

23.03.11 Is-Sindku semma' talba għal 2 sleeping policeman fi Triq is-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu din it-talba lil TM.

23.03.12 Is-Sindku qal li konna rċivejna ittra legali mingħand il-kuntrattur li kellna tal-qtugħ tal-ħaxix, Malta Recycle and Waste Collection Ltd, fejn kien qed jitlob li jitħallas ta' żmien li ma kienx ta s-servizz tiegħu. Is-Sindku qal li min-naħa tal-Kunsill intbagħtet ir-risposta fejn qed naċċettaw li nħallsu biss għal dawk ix-xhur ta' meta ingħata s-servizz.

23.03.13 Rigward il-Berġa s-Sindku qal li din issa ser tinbidel minn spiżerija fil-15 ta' April għaliex fil-15 ta' Marzu erġajna ġejna mitluba iktar rapporti u li l-Perit kien qed jieħu ħsieb li dawn jintbagħtu. Qal ukoll li konna għadna kemm irċivejna draft tal-ftehiem li kellu jsir bejn il-Kunsill u l-Primary Health Care u li konna ser ngħadduh lill-avukat tal-Kunsill biex tagħtina parir legali.

Fuq suġġeriment ta' Karmenu Farrugia, ġie deċiż li qabel ma jiġi ffirmat, il-ftehiem għandu jintbagħat lill-kunsilliera.

23.03.14 Is-Sindku qal li, hu flimkien ma' Karmenu Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa ma' TM rigward il-bus terminus ta' quddiem il-Knisja. Hu qal li wara s-suġġerimenti li ressaqna aħna, biex quddiem il-Knisja ma jidħlux 'heavy vehicles', huma qalulna li l-unika soluzzjoni li setgħu jsibu huma kienet li l-karozzi tal-linja jidħlu u jieqfu fi Triq Ġuże' Cassar, biex jevitaw li jitilaw minn fejn iċ-Ċentru, biex imbagħad jibqgħu ħerġin 'il barra minn fejn il-Monument tal-Gwerra. Qal ukoll li TM talbuna nressqu l-proposta tagħna lill-Infrastructure Malta u jekk din tiġi approvata, ssir public consultation mar-residenti.
Marion Parnis qalet li rridu noqgħodu attenti biex, jekk issir il-venda hemmhekk, ma noħolqux problemi lir-residenti u lil tal-ħwienet u ssuġġeriet li titla' minn Triq Nicolo' Communet. Karmenu Farrugia qal li din kienet se toħloq ħafna lmenti mir-residenti li joqgħodu f'dik it-triq minħabba l-istorbju.

Ġie deċiż li nistennew il-laqgħa ma' Infrastructure Malta biex naraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

23.03.15 Is-Sindku fakkar fil-Coffee Morning, organizzat mill-Kunsill, li kien ser isir il-ġurnata ta' wara, u ħeġġeġ li kull min jista', biex jattendi.

**23.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

23.04.01 Marion Parnis semmiet l-iskema ta' Finanzjament tal-Project Green għal Spazzju Miftuħ li jinkludi Cat Café. Is-Sindku qal li kellna problema ta' spazzju minħabba li fil-Qrendi m'għandiex spazzji miftuħa il-kobor li qed jitolbu huma. ~~Hi ssuġġeriet biex napplikaw għaż-żona ta' fejn il-kamra ta' nar ta' Lourdes.~~ Marion Parnis qalet li wieħed mill-postijiet fejn seta' jsir hu fi Triq Ħaġar Qim.

Ġie deċiż li niċċekkjaw eżattament x'inhuma r-rekwiżiti u terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss.

23.04.02 Marion Parnis semmiet imejl ta' Fifi Ann Psaila, li uriet ix-xewqa tagħha li tesebixxi xogħol ta' arti waqt il-Festival tal-Patata. Din ġiet aċċettata.

23.04.03 Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn Anthea Sacco, li kienet assenti. Hi kienet qed issaqsi jekk il-magazine tal-Kunsill kienx ser isir u li jekk fl-affermattiv, l-artikli kellhom jaslu għandha sal-aħħar ta' April. Il-Kunsill qabel li dan isir.

Fl-istess imejl, Anthea Sacco infurmat lil Kunsill li minn Pjazza għal Pjazza kien propost li jsir fid-29 ta' Awwissu jew fit-18 ta' Lulju bħala t-tieni data preferuta.

Anthea Sacco, fl-imejl semmiet ukoll il-ħasil ta' darba fix-xahar. Hi talbet għal suġġerimenti fejn nistgħu nibgħatuhom f'April. Is-Sindku qal li kien issuġġerixxa li tinħasel Triq Francesco Buhagiar għax kien qed joħroġ id-drenaġġ minn dar abbandunata.

Marion Parnis fakkret li kif jitlestew ix-xogħlijiet ta' Triq Gregorio Mifsud, din kellha tinħasel.

Karmenu Farrugia propona li tinħasel id-dawra ta' fejn hemm l-ATM.

23.04.04 Nina Skye Briffa semmiet il-Kunsill tat-Tfal. Hi qalet li kienu organizzaw taħrig fuq l-AI. Qalet ukoll li t-tfal xtaqu jagħmlu poster bl-AI dwar il-vandaliżmu li hemm fil-bandli, u li dan il-poster jiġi ċċirkulat u mtellgħa fuq is-social media tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Marion Parnis issuġġeriet li forsi anke' l-iskola jkunu jistgħu jgħinu billi jtellgħuh fuq il-paġna tagħhom.

Nina Skye Briffa qalet ukoll li kellhom jinfurmawha bid-dati tal-laqgħat għax-xahar li jmiss biex tkun tista' tikkoordina mal-Kappillan minħabba s-sala.

23.04.05 Karmenu Farrugia semma' t-tabella ta' fejn il-forn. Is-Sindku qal li kienet għandna imma ma setgħatx tiġi mwaħħla għax kbira ħafna u se toħroġ il-barra. Karmenu Farrugia qal li għanda tinqala' li hemm u titwaħħal minflokha. Is-Sindku qal li hu mhux se jkun responsabbli jekk is-sid ma jkunx iridha. Saret deċiżjoni li din titwaħħal u jekk ikun hemm l-ilmenti naraw x'seta' jsir.

23.04.06 Karmenu Farrugia semma' x-xogħlijiet ta' Ġnien tal-Kmand. Hu qal li x-xogħol kien jidher li miexi. Is-Sindku qal li konna għadna qed nistennew il-ftehiem ta' Din l-Art Ħelwa.

23.04.07 Karmenu Farrugia staqsa dwar it-tender taċ-Ċentru. Is-Sindku qal li d-draft tiegħu kien intbagħat lid-DLG u l-GPP għall-approvazzjoni u kif dan ikun approvat jiġi ippublikat.

**23.05 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash**

23.05.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 23) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Frar ġew imressqa għall-approvazzjoni.

23.05.02 Wara li Karmenu Farrugia staqsa dwar il-pagament tas-Sur Anthony Bonello, is-Sindku wieġeb li dak kien parti mil-performance bonus li kien dovut lilu għas-sena 2025.

23.05.03 Rigward il-kont għas-servizz ta' tindif li kien sar fil-berġa, Karmenu Farrugia qal li fil-laqgħa 21 kien intqal li dan il-kont kellu jitħallas mill-kuntrattur u mhux mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li hekk kien ser isir għax dan l-ammont

għalkemm kien ser jiġi mħallas mill-Kunsill, kien ser jitnaqqas mir-retention money dovuti lill-kuntrattur u qal ukoll li kienu nġiebu 3 kwotazzjonijiet fejn dan kien l-irħas.

Karmenu Farrugia qal li hu ma kellu l-ebda oġġezzjoni li dan jitħallas imma dan kellu jsir mill-kuntrattur kif kien intqal f'minuta 21.04.05. Hu qal ukoll li hu ma kienx ser jiffirma u jidħol responsabbli ta' xi ħaġa jekk fil-minuti preċedenti hemm li dan kellu jiġi njurat.

Nina Skye Briffa staqsiet ir-raġuni għaliex dan il-kont ma setax jiġi mħallas mill-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li dan ma kienx possibbli għax dan kien nuqqas tal-kuntrattur innifsu u li aħna konna obbligati li dan l-ammont innaqsuhomlu mill-flus miżmuma minnha. Is-Sindku qal ukoll li dan l-ammont kien diġa' qiegħed inkluż fl-ammont dovut lilna mill-Primary Healthcare.

Karmenu Farrugia u Nina Skye Briffa talbu li fil-laqgħa li jmiss titressaq riżoluzzjoni biex minuta 21.04.05 tiġi riveduta u mibdula u jekk ikun hemm qbil mill-Kunsill li din il-minuta tinbidel u li tinqata' li 'l-kont kellu jiġi injorat', dan il-kont jerġa' jiġi mressaq quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

23.05.04 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgha 23) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Frar, apparti l-kont għat-tindif tal-Berġa, ġew approvati u ffirmati minn Karmenu Farrugia (Proponent), Marion Parnis (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**23.06 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

23.06.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7.20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 21 ta' April, fil-5.30pm.

David Michael Schembri

Sindku

Rachel Aquilina

Segretarju Eżekuttiv